

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Diċembru 2011

dwar ir-rikonoxximent tal-Kap Verde skont id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 8998)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/821/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba ta' Ċipru tat-13 ta' Mejju 2005,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 2008/106/KE, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw iċ-ċertifikati xierqa tal-baħħara li jkunu nħarġu minn pajjiżi terzi, sakemm il-pajjiż terz ikkonċernat ikun rikonoxxut mill-Kummissjoni. Dawk il-pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) dwar l-Istandards għat-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Għassa għall-Baħħara, 1978 (il-Konvenzjoni STCW) ⁽²⁾, kif għet riveduta fl-1995.
- (2) Permezz tal-ittri tat-13 ta' Mejju 2005 u l-1 ta' Diċembru 2005, Ċipru ressaq talba għar-rikonoxximent tal-Kap Verde. Wara din it-talba, il-Kummissjoni vvalutat is-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni fil-Kap Verde sabiex tivverifika jekk il-Kap Verde jikkonformax mar-rekwiżiti kollha tal-Konvenzjoni STCW u jekk ittiħdux il-miżuri x-xierqa biex jiġi evitat il-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati. Dik il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq ir-riżultati ta' spezzjoni li għamli l-esperti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima f'Ġunju 2006. Matul dik l-ispezzjoni, ġew identifikati ċerti nuqqasijiet fis-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri rapport dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni.
- (4) Permezz tal-ittri tat-2 ta' Frar 2009, tat-8 ta' Diċembru 2009 u tas-17 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni talbet lill-Kap Verde jibagħtilha provi li juru li n-nuqqasijiet identifikati kienu tranġaw.
- (5) Permezz tal-ittri tat-23 ta' April 2009, tad-19 ta' Jannar 2010, tal-4 ta' Diċembru 2010, tal-25 ta' Frar 2011,

tal-10 ta' Marzu 2011 u tal-25 ta' Mejju 2011, il-Kap Verde ta t-tagħrif u l-provi mitluba dwar l-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva xierqa u suffiċjenti biex jiġu indirizzati ħafna min-nuqqasijiet identifikati matul il-valutazzjoni tal-konformità.

- (6) In-nuqqasijiet li fadal jikkonċernaw, fuq naħa waħda, in-nuqqas ta' ċertu tagħmir ta' taħriġ f'waħda mill-istituzzjonijiet ewlenin tal-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu tal-Kap Verde, u min-naħa l-oħra, ċertu kontenut tal-kors rigward it-Taqsima A-III/2 tal-Kodiċi STCW. Għalhekk, il-Kap Verde ġie mistieden jimplimenta iktar azzjonijiet korrettivi b'rabta ma' dan. Madankollu, dawn in-nuqqasijiet ma jwasslux biex iqajmu dubji dwar il-livell ġenerali ta' konformità tal-Kap Verde mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni STCW dwar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.
- (7) Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-konformità u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni pprovdut mill-Kap Verde juri li l-Kap Verde jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-Konvenzjoni STCW, filwaqt li dan il-pajjiż ħa miżuri xierqa biex jevita l-frodi fil-ħruġ taċ-ċertifikati.
- (8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-għanijiet tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2008/106/KE, il-Kap Verde huwa rikonoxxut f'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33.

⁽²⁾ Adottata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.